**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 12 ta' Lulju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 49 / 15RGM

Kawza fil-lista:

**H A I f'isimha proprio**
**u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Q u X P**
**vs**
**T M u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-atturi li jaqra kif gej:-

1. Illi r-rikorrenti H A I u l-intimat Sandra M huma il-persuni registrati bhala li huma l-genituri naturali tat-tifla minuri Q li twieldet fis-6 ta' Frar 2014 skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-tweIid bin-numru 1137564.

2. Illi ir-rikorrenti H A I kellha dubju jekk attwalment l-intimat T M kienx verament il-missier naturali tat-tifla u dan billi hija kellha relazzjoni intima ukoll mar-rikorrenti l-iehor X P waqt li hija kienet qed tohrog mal-intimat.

3. Illi bil-ghan li taccerta ruhha dwar dawn il-fatti hija talbet lill-istess X P sabiex jaghmlu id-DNA test li attwalment sar u minnu irrizulta li 1-probabilita' qawwija (99.9999%) hi li l-istess X P huwa attwalment il-missier naturali tat-tarbija - kopja tar-rizultat tad-DNA test.

4. Illi l-istess X P jixtieq li jirrikonoxxi lill-istess tifla bhala bintu naturali u l-intimat Sandra M ta x'tifhem lir-rikorrenti H A I li attwalment huwa ma jsibx

oggezzjoni li jsir dan u li ghalhekk ismu jigi imhassar minn fuq ir-registru tat-twelid tat-tarbija.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi attwalment bint ir-rikorrenti H A I li jisimha Q hija il-wild naturali tar-rikorrenti l-iehor X P.

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-istess tifla li igib in-numru 1137564 fis-sens illi kull riferenza ghal Sandra M, tirrikorri fejn tirrikorri u senjatament fil-kolonna intestata "isem u kunjom tal-missier" jigi imhassar u kwindi jithassru il-kliem "T M (Pieta ' Malta)" u minflok jigu inseriti il-kliem "X P (Pieta' Malta)" u dan ai termini tac-certifikat tat-twelid ta' l-istess X P li igib in-numru 1155211.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel kull korrezzjoni ohra mehtiega fl-istess certifikat tat-twelid tat-tifla minuri Q li jgib in-numru 1137564 sabiex jirrifletti il-verita tal-fatti.

4. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun sabiex l-istess tifla tigi definittivament registrata bhal il-wild naturali tar-rikorrenti H A I u ta' X P - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk gnal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jistiedena lill- X P sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita Q M A;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghanda tassumi l-minuri Q M A a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut T M:-

1. Illi l-esponent kellu relazzjoni ma' H A I waqt liema relazzjoni H A I harget tqila b'tarbija li twieldet fis-6 ta' Frar 2014 li kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid l-esponenti tnizzel bhala l-missier tat-tarbija Q.

2. Illi ftit xhur wara t-twelid tat-tarbija, l-esponenti kellu dubji serji jekk it-tarbija kienetx wild tieghu stante illi sar jaf li H A I kellha relazzjoni ohra fl-istess waqt li kellha relazzjoni ma' l-esponenti.

3. Illi l-esponenti jaqbel u jikkonferma li meta sar jaf li seta kien hemm din ir-relazzjoni ohra bejn H A I u X P huwa stess talab sabiex isiru testijiet necessarji sabiex ikun verifikat min kien il-missier naturali tat-tarbija Q.

4. Illi fid-dawl tal-verifiki tad-DNA li juru li l-esponenti rnhux il-missier naturali, huwa jaqbel u m' ghandu l-ebda oggezzjoni illi jigi emendat c-certifikat tat-twelid tat-tarbija.

5. Illi ghalhekk l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez li ghandhom jigu ssopartati mir-rikorrenti.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra rikorrenti li hija ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat il-provi imressqa;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2016 xhedet Dr Marisa Cassar li kkonduciet it-testijiet tad-DNA relativi ghal din il-kawza u li kopja taghhom jinstabu ezebiti fil-process a fol. 5.

Minn dan it-test li sar fuq l-atturi A I u P u fuq il-minuri Q jirrizulta illi l-minuri hija bint l-attur X P.

Jirrizulta illi l-minuri Q twieldet mill-attrici li hi xebba. Bil-kunsens sew tal-attrici kif ukoll tal-konvenut T M it-tnejn gew registrati fuq l-att tat-twelid tal-minuri bhala l-genituri ta' Q Dik ir-registrazzjoni sehhet bis-sahh tal-**artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

"*It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it- tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*"

Kif spjegat l-attrici fix-xhieda taghha (affidavit a fol. 22) ghalkemm dak iz-zmien hi u l-konvenut M kellhom relazzjonijiet intimi, fl-istess zmien kellha wkoll relazzjonijiet intimi mal-attur P. Hija ghalhekk kellha dejjem id-dubju min verament huwa l-missier u wara li saru t-testijiet tal-DNA irrizultalha li l-attur P kien missier it-tarbija u mhux il-konvenut M.

Ghalhekk l-atturi istitwew il-kawza odjerna. L-azzjoni tal-omm hija msejsa fuq l-**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

**Artikolu 70A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel - (a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel; (b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel; (ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

**Arikolu 100A tal-Kap. 16:** '*F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal examijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.*'

Ikkonsidrat;

Mill-provi prodotti gie ppruvat sodisfacentement illi missier il-minuti Q huwa l-attur X P u mhux il-konvenut T M.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri Q hija l-wild naturali tal-attur X P u mhux tal-konvenut T M.

2. Tilqa' t-tieni talba, tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-istess tifla li igib in-numru 1137564 fis-sens illi kull riferenza ghal Sandra M, tirrikorri fejn tirrikorri u senjatament fil-kolonna intestata "isem u kunjom tal-missier" jigi imhassar u

kwindi jithassru il-kliem "T M (Pieta ' Malta)" u minflok jigu inseriti il-kliem "X P (Pieta' Malta)" u dan ai termini tac-certifikat tat-twelid ta' l-istess X P li igib in-numru 1155211 u jitnizzlu l-konnotati elenkati fin-nota a fol. 29 tal-process.

3. Tilqa' t-tielet talba.

Bl-ispejjez kontra l-atturi proprio.

**Imhallef** **Deputat Registratur**